

# Kalendarju 2024

Bażilika San Ġorġ
Il-Belt Victoria, Għawdex

# BAŻILIKA PROTOPARROKKJALI SAN ĠORĠ MARTRI

**L-Uffiċċju Parrokkjali, Triq il-Karità, il-Belt Victoria VCT 1200, Għawdex (Malta)**

2155 6377 (Uffiċċju Parrokkjali) | info@stgeorge.org.mt, archprieststgeorge@gmail.com
www.stgeorge.org.mt | stgeorge.org.mt | stgeorgesbasilica | stgeorgesbasilica

**RADJU KOMUNITARJU:** *Leħen il-Belt Victoria* (LBV) 104MHz FM Stereo
t: 2033 3104 | e: lbv104@gmail.com | w: www.lbv104.com

**MUŻEW TAL-BAŻILIKA:** *Il-Ħaġar – Heart of Gozo*
t: 2155 7504 | w: www.heartofgozo.org.mt


## IL-KAPITLU TAL-KOLLEĠĠJATA

| | | |
|---|---|---|
| L-E.T. Mons. Anton Teuma LMetPed, BScEd, MAScForm, DipSS • *Isqof ta' Għawdex u Dekan* | 2155 6661 | bishopateuma@gmail.com |
| Il-W.R. Mons. Joseph Curmi SThB, JCL • *Arċipriet* | 2155 0403 | archprieststgeorge@gmail.com |
| Il-W.R. Kan. Ġwann Gauci | 2155 1082 | |
| Il-W.R. Mons. Felix Tabone Capp. S.S. • *Kanċillier* | 2155 3392 | felic.tab@gmail.com |
| Il-W.R. Kan. Ġużeppi Borg C.D.(Major) | 2155 6169 | joe.borg.33@gmail.com |
| Il-W.R. Kan. George DeBrincat | 2155 3793 | george21934@aol.com |
| Il-W.R. Kan. George J. Frendo SThL • *Maestro di Cappella* | 2155 1849 | revgeofrendo@gmail.com |
| Il-W.R. Kan. Manwel Buttigieg | 2156 0492 | |
| Il-W.R. Kan. Geoffrey George Attard MTh, MLit | 2155 1325 | geoffreygattard@gmail.com |

## KANONĊI ONORARJI

| | | |
|---|---|---|
| L-E.T. Mons. Alfred Xuereb SThD • *Nunzju Appostoliku fil-Marokk* | | alfredmalta58@gmail.com |
| Il-W.R. Mons. Ġużeppi Farrugia SThL(Dogma), SThD, Prel. S.S. • *Eks Arċipriet, u Kappillan fi Franza* | | josephmfarrugia@gmail.com |
| Il-W.R. Mons. Giovanni Bosco Cremona • *Rettur tal-Knisja ta' Santa Marta, il-Belt Victoria* | 2155 6989 | |
| Il-W.R. Mons. Karm Curmi | 2155 1448 | ccurmi@vol.net.mt |
| Il-W.R. Mons. Joseph Zammit JUD | 2155 6726 | frzammit@gmail.com |
| Il-W.R. Kan. Tonio Galea SThL • *Kappillan tal-Parroċċa tal-Wiċċ Imqaddes ta' Kristu, Ruma* | 2155 2995 | tafonzu@gmail.com |
| Il-W.R. Kan. Claudio Marras | | |
| Il-W.R. Mons. Giuseppe Liberto Prot. Apost. | | |
| Il-W.R. Kan. Simon Mario Cachia SThB, BScEduc • *Kappillan tal-Parroċċa tal-Qalb ta' Ġesù, il-Fontana* | 2155 4116 | cachiasimon@gmail.com |
| Il-W.R. Kan. Richard-Nazzareno Farrugia SThD • *Arċipriet tal-Parroċċa ta' Marija Bambina, ix-Xagħra* | 2155 6479 | farrugiarn@gmail.com |

## SAĊERDOTI OĦRA TAL-PARROĊĊA

| | | |
|---|---|---|
| Il-W.R. Mons. Manwel Curmi Capp. S.S. | 2155 6376 | |
| Il-W.R. Mons. Ġużeppi Gauci | 2155 6673 | joegauci24@gmail.com |
| Il-W.R. Mons. Anton Borg SThL, PhL, Capp. S.S. | 2155 1063 | dantonborg@hotmail.com |
| Il-W.R. Mons. George Borg BSc(Educ), LicPsych • *Rettur tal-Knisja ta' San Ġakbu, il-Belt Victoria* | 2155 1063 | frgeorgeborg@gmail.com |
| Ir-Rev. Effie Masini LicScSoc • *Direttur tal-Oratorju Don Bosco* | 2155 1284 | donbogo@gmail.com |
| Il-W.R. Mons. Jimmy Xerri PhL, Capp. S.S. • *Arċipriet tal-Parroċċa ta' San Pietru u San Pawl, in-Nadur* | 2156 5728 | jimmyxerri@tiscali.it |
| Ir-Rev. Renato Sammut JUD, Adv.RR | 2155 3606 | rsammut@gozodiocese.org |
| Ir-Rev. Joseph C. Mercieca DipMusSac, MA | 2156 3351 | josephcmc21@gmail.com |
| Ir-Rev. John Vella MA Psychotherapy & Counselling (London), PhD Psychotherapy & Counselling (Wales) | 2155 3389 | john.vella@um.edu.mt |

## VIGARJI PARROKKJALI

| | | |
|---|---|---|
| Il-W.R. Mons. Felix Tabone Capp. S.S. | 2155 3392 | felic.tab@gmail.com |
| Ir-Rev. Joseph C. Mercieca DipMusSac, MA | 2156 3351 | josephcmc21@gmail.com |

## SAĊERDOTI RESIDENTI BARRA MID-DJOĊESI

| | |
|---|---|
| L-E.T. Mons. Alfred Xuereb SThD • *Nunzjatura Appostolika fil-Marokk* – B.P. 1303 R.P., rue M'tir, Souissi-Rabat, Morocco | alfredmalta58@gmail.com |
| Il-W.R. Kan. Tonio Galea SThL • *L-Italja* – Parrocchia Santo Volto di Gesù, Via Caprese 1, 00146 Roma | tafonzu@gmail.com |
| Il-W.R. Mons. Ġużeppi Farrugia SThL(Dogma), SThD, Prel. S.S. • *Franza* – 19 Avenue Sadi Carnot, 13980 Alleins | josephmfarrugia@gmail.com |

## SEMINARISTA TAL-PARROĊĊA

| | | |
|---|---|---|
| Samuel Aquilina • Is-Sitt Sena | 7949 8449 | samuel.aquilina234@gmail.com |

## L-UFFIĊĊJU PARROKKJALI

2155 6377 — info@stgeorge.org.mt

## KUMITATI U GRUPPI PARROKKJALI

Katekeżi mal-Adolexxenti u t-Tfal | Gruppi 23four | Mixja Katekumenali tat-Tħejjija għaż-Żwieġ | Grupp tal-Koppji Miżżewġa | Grupp Oikos | Kumitat tal-Liturġija | Fondazzjoni Gaulos | Kor Laudate Pueri | Radju Komunitarju Leħen il-Belt Victoria | Kumitat tal-Manutenzjoni u Armar tal-Bażilika | Proġett Parrokkjali *Fejn hu Huk?* | Kumitat tal-Ġimgħa l-Kbira u Fratellanza tas-Santissmu Kurċifiss | Piccolo Clero | Ladies Society | Grupp Santa Marta | Il-Librerija u l-Arkivju Parrokkjali

## HINIJIET TAL-QUDDIES

**Matul il-ġimgħa:** 05.15, 06.00, 07.00, 08.00, 09.00 (*bl-omelija*), 10.00, 11.00, 16.00 (minn Ottubru sa Ġunju), 17.30 (*bl-omelija*), 19.00
**Hdud u Festi:** 05.00, 06.00, 07.00, 08.00, 09.00, 10.00 (*għall-familji u t-tfal*), 11.00 (*bil-kor*), 12.00, 17.00, 18.00, 19.00


**PUBBLIKAZZJONI UFFIĊĊJU PARROKKJALI SAN ĠORĠ** – Suppliment ta' *Il-Belt Victoria*, Sett-Diċ 2023 **Mitbugħ:** *A&M Printing Ltd*, il-Qala, Għawdex – 2155 3217
**Ritratti:** Statwi fil-Bażilika ta' San Ġorġ. [ritratti: Sebio Aquilina, Giuseppe Attard, Andrea Camilleri, Sam Cefai, Andrew Formosa, Anthony Grech]


© Uffiċċju Parrokkjali Bażilika San Ġorġ, il-Belt Victoria, Għawdex, 2024

**Sigismondo Dimech,**
***L-Isem ta' Ġesù u Marija,***
**injam, 1802-1807**

Wara 80 sena mill-kummissjoni tal-pittura għall-Altar tagħha, il-Fratellanza ta' Ġesù u Marija daħlet għal proġett ambizzjuż ieħor biex tkompli tqanqal id-devozzjoni lejn l-Ismijiet Imqaddsa tal-Imgħallem Divin u l-Verġni Mbierka: din id-darba kien imiss xbieha mdaqqsa minquxa fl-injam ispirata mill-pittura. Skont għajdut qadim, xħin ġie biex jaħdem l-istatwa titulari ta' San Ġwann Battista għall-Parroċċa tax-Xewkija qabel l-1845, l-iskultur Malti Pietru Pawl Azzopardi tant kien issaħħar mill-wiċċ glorjuż ta' Kristu ta' din il-vara, li talab il-permess tal-Arċipriet tar-Rabat Fortunato Cutajar biex ikun jista' jimmudella wiċċ l-Għammiedi fuq wiċċ Kristu tal-vara ta' Ġesù u Marija.



# JANNAR 2024

| IL-ĦADD | IT-TNEJN | IT-TLIETA | L-ERBGĦA | IL-ĦAMIS | IL-ĠIMGĦA | IS-SIBT |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | **1** IL-VERĠNI MQADDSA MARIJA, OMM ALLA | **2** S. Bażilju l-Kbir u S. Girgor Nazjanzenu, isqfijiet u dutturi | **3** L-Isem Imqaddes ta' Ġesù | **4** S. Eliżabetta Ann Bayley Seton, armla u fundatriċi | **5** S. Karlu ta' Sezze, reliġjuż | **6** S. Ġwann ta' Valencia, isqof |
| **7** L-EPIFANIJA TAL-MULEJ | **8** IL-MAGĦMUDIJA TAL-MULEJ | **9** S. Pietru ta' Sebaste, isqof | **10** S. Agatone, papa | **11** S. Pawlinu II ta' Aquilea, patrijarka | **12** S. Benedittu Bishop, isqof | **13** S. Illarju ta' Poitiers, isqof u duttur |
| **14** IT-2 ĦADD TA' MATUL IS-SENA | **15** S. Mawru ta' Subiaco, abbati | **16** S. Marċell I, papa u martri | **17** S. Anton tal-Eġittu, abbati | **18** S. Volusjanu ta' Tours, isqof | **19** S. Wulstan ta' Worcester, isqof | **20** S. Fabjan, papa, u S. Sebastjan, martri |
| **21** IT-3 ĦADD TA' MATUL IS-SENA | **22** S. Publiju, isqof u martri, Prinċep ta' Malta | **23** S. Vinċenz Pallotti, presbiteru u fundatur | **24** S. Franġisk ta' Sales, isqof u duttur | **25** Il-Konverżjoni ta' S. Pawl, appostlu tal-ġnus | **26** S. Timotju u S. Titu, isqfijiet u dixxipli ta' S. Pawl | **27** S. Angela Merici, verġni u fundatriċi |
| **28** IR-4 ĦADD TA' MATUL IS-SENA | **29** S. Sulpizju ta' Bourges, isqof | **30** S. Ġaċinta Mariscotti, verġni u fundatriċi | **31** S. Ġwann Bosco, presbiteru u fundatur | | | |

## Mid-Djarju Parrokkjali

01 **Il-Verġni Mqaddsa Marija, Omm Alla [Solennità] [Festa kmandata]**
*Jum il-Paċi (Ġabra b'risq id-Dar tal-Providenza)*
Konċelebrazzjoni pontifikali: 11.00
05 L-ewwel Ġimgħa tax-xahar | Jum ta' adorazzjoni solenni
06 L-ewwel Sibt tax-xahar | Jum ta' adorazzjoni solenni
07 **L-Epifanija tal-Mulej [Solennità]**
Konċelebrazzjoni pontifikali: 11.00
08 **Il-Magħmudija tal-Mulej [Festa]**
*Jibda ż-żmien liturġiku ta' Matul is-Sena (Sena B)*
14 **It-2 Ħadd ta' Matul is-Sena**
18 *Tibda l-Ottava ta' Talb għall-Għaqda tal-Knejjes Insara*
21 **It-3 Ħadd ta' Matul is-Sena**
*Ħadd il-Kelma ta' Alla*
25 **Il-Konverżjoni ta' S. Pawl, Appostlu tal-Ġnus [Festa]**
Ċelebrazzjoni penitenzjali tal-Ewwel Qrara: 18.30
28 **Ir-4 Ħadd ta' Matul is-Sena**



**Id-Ditta Galard et Fils (Marsilja, Franza),**
***Il-Madonna ta' Lourdes*,**
**kartapesta, 1879**

Ma tantx kienet laħqet għaddiet il-ġrajja straordinarja tad-dehriet tal-Verġni Mbierka f'Lourdes fi Franza fl-1858 li fil-Parroċċa ta' San Ġorġ ma daħlitx f'tebqa t'għajn id-devozzjoni lejn il-Madonna ta' Lourdes. Fl-1874 saret l-ewwel xbieha tal-Madonna taħt dan it-titlu u ftit wara, sewwasew fl-1879, saret dik li tinsab meqjuma f'niċċa fuq in-naħa tal-lemin tal-Altar ta' San Lazzru. Ta' kull sena din l-istatwa toħroġ f'purċissjoni devota fl-eqreb Sibt lejn il-11 ta' Frar, li huwa jum it-Tifkira liturġika tal-Madonna ta' Lourdes.

# FRAR 2024

| IL-ĦADD | IT-TNEJN | IT-TLIETA | L-ERBGĦA | IL-ĦAMIS | IL-ĠIMGĦA | IS-SIBT |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | 1 S. Neriku Morse, martri | 2 IL-PREŻENTAZZJONI TAL-MULEJ | 3 S. Bjaġju ta' Sebaste, isqof u martri, u S. Ansgarju (Oskar) ta' Hamburg, isqof |
| 4 IL-5 ĦADD TA' MATUL IS-SENA | 5 S. Agata ta' Catania, verġni u martri, Patruna ta' Malta | 6 S. Pawl Miki, S. Pietru Battista, u sħabhom ta' Nagasaki, reliġjużi u martri | 7 B. Piju IX, papa, fundatur tad-Djoċesi ta' Għawdex | 8 S. Ġlormu Emiliani, presbiteru u fundatur | 9 S. Skolastika ta' Norcia, verġni | 10 IN-NAWFRAĠJU TA' MISSIERNA S. PAWL, APPOSTLU, PATRUN TAL-GŻEJJER MALTIN |
| 11 IS-6 ĦADD TA' MATUL IS-SENA | 12 S. Melezju ta' Antjokja, patrijarka | 13 S. Beneditt ta' Aniane, reliġjuż | 14 L-ERBGĦA TAR-RMIED | 15 S. Oneżimu ta' Efesu, isqof u martri | 16 Is-Seba' Fundaturi tal-Ordni tas-Servi ta' Marija | 17 S. Flavjanu ta' Kostantinopli, patrijarka |
| 18 L-1 ĦADD TAR-RANDAN | 19 S. Korradu Confalonieri, eremita | 20 S. Franġisk u S. Ġjaċinta de Jesus Marto | 21 S. Pier Damiani, isqof u duttur, kittieb tal-antifona ta' S. Ġorġ | 22 Il-Katedra ta' S. Pietru, appostlu | 23 S. Polikarpu ta' Smirna, isqof u martri | 24 S. Elelbertu ta' Kent, sultan |
| 25 IT-2 ĦADD TAR-RANDAN | 26 S. Porfirju ta' Gaża, isqof | 27 S. Gabrijel tal-Addolorata, reliġjuż | 28 S. Romanu ta' Condat, abbati | 29 S. Oswaldu ta' Worcester, isqof | | |

## Mid-Djarju Parrokkjali

02 **Il-Preżentazzjoni tal-Mulej (Il-Gandlora) [Festa]**
*Jum il-Ħajja Kkonsagrata*
*Jum il-Ħajja*
L-ewwel Ġimgħa tax-xahar | Jum ta' adorazzjoni solenni
Quddiesa tal-Preżentazzjoni tat-tfal
tal-Ewwel Tqarbina u l-Konfirmazzjoni

03 L-ewwel Sibt tax-xahar | Jum ta' adorazzjoni solenni
Il-festa parrokkjali tal-Verġni Mqaddsa Marija ta' Lourdes
Konċelebrazzjoni solenni: 17.30
Purċissjoni Marjana *aux flambeaux*: 18.15

04 **Il-5 Ħadd ta' Matul is-Sena**

10 **In-Nawfraġju ta' Missierna S. Pawl, Appostlu, Patrun tal-Gżejjer Maltin [Solennità] [Festa kmandata]**
*Btala pubblika*

11 **Is-6 Ħadd ta' Matul is-Sena**
*Jum il-Morda*

14 **L-Erbgħa tar-Rmied (Ras ir-Randan)**
*Obbligu ta' sawm u astinenza*
Konċelebrazzjoni solenni: 17.30

18 **L-1 Ħadd tar-Randan**
Għasar solenni: 16.30

19 *Jibdew l-Eżerċizzi Spiritwali tar-Randan għal kulħadd: 16.30*

25 **It-2 Ħadd tar-Randan**
Għasar solenni: 16.30

26 *Jibdew l-Eżerċizzi Spiritwali tar-Randan għall-miżżewġin (fil-Bażilika) u għat-tfal (fis-Sala Parrokkjali): 19.30*

**Pietru Pawl Azzopardi,**
**Michael u Adonai Camilleri Cauchi,**
***Il-Vara l-Kbira*,**
**injam, 1848 | *Il-Kurċifiss*,**
**manikkini tal-ixkora bl-irjus, l-idejn u s-saqajn tal-injam, c. 1850 | *Il-Madonna u San Ġwann*,**
**manikkin tal-fajber bir-ras, l-idejn u s-saqajn tal-injam, 2023 | *Il-Maddalena***

Mill-Atti tal-Viżta Pastorali li l-Isqof Publio Maria Sant għamel fil-Parroċċa ta' San Ġorġ f'Settembru 1848, jidher ċar li l-Altar ta' San Gejtanu kien diġà beda jissemma bħala "tal-Kurċifiss". Dan ifisser li kien proprju f'dan l-istess żmien li l-pittura ta' San Gejtanu, li Ġan Nikola Buhagiar kien għamel qrib is-sena 1746, kienet inqalgħet minn postha biex tagħmel il-wisa' għas-Santissmu Kurċifiss li l-iskultur Pietru Pawl Azzopardi kien ġie mqabbad jagħmel qabel l-1848. Jidher li xi snin wara Azzopardi ħaseb ukoll biex jagħmel ix-xbihat tal-Madonna u San Ġwann biex jikkumplimentaw lill-Kurċifiss.



# MARZU 2024

| IL-ĦADD | IT-TNEJN | IT-TLIETA | L-ERBGĦA | IL-ĦAMIS | IL-ĠIMGĦA | IS-SIBT |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 31 L-GĦID IL-KBIR TAL-QAWMIEN TAL-MULEJ (Jum il-Ħelsien) | | | | | 1 S. David ta' Wales, isqof | 2 S. Anjeże ta' Praga, verġni u reliġjuża |
| 3 IT-3 ĦADD TAR-RANDAN | 4 S. Każimiru tal-Polonja, sultan | 5 S. Ġwann Ġużepp tas-Salib, reliġjuż | 6 S. Roża ta' Viterbo, verġni | 7 S. Perpetwa u S. Feliċita, martri | 8 S. Ġwann ta' Alla, reliġjuż u fundatur | 9 S. Franġiska Rumana, armla u fundatriċi |
| 10 IR-4 ĦADD TAR-RANDAN | 11 S. Ewloġju ta' Kordova, presbiteru u martri | 12 S. Innoċenz I, papa | 13 S. Rodrigu ta' Cabra, presbiteru, u S. Salamun ta' Kordova, martri | 14 S. Matilde, reġina | 15 S. Żakkarija, papa, devot ta' S. Ġorġ | 16 S. Eriberto ta' Köln, isqof |
| 17 IL-5 ĦADD TAR-RANDAN | 18 S. Ċirillu ta' Ġerusalemm, isqof u duttur | 19 SAN ĠUŻEPP, PATRUN TAL-KNISJA UNIVERSALI | 20 S. Kutbertu ta' Lindisfarne, isqof | 21 S. Nikola ta' Flüe, eremita | 22 S. Benvenutu ta' Osimo, isqof | 23 S. Turibju ta' Mongrovejo, isqof |
| 24 ĦADD IL-PALM U L-PASSJONI TAL-MULEJ | 25 IT-TĦABBIRA TAL-MULEJ | 26 S. Brawljo ta' Saragozza, isqof | 27 S. Rupertu ta' Salzburg, isqof | 28 L-IKLA TAL-MULEJ | 29 IL-PASSJONI TAL-MULEJ | 30 IL-VĠILI QADDISA TAL-GĦID |

## Mid-Djarju Parrokkjali

01 L-ewwel Ġimgħa tax-xahar | Jum ta' adorazzjoni solenni
02 L-ewwel Sibt tax-xahar | Jum ta' adorazzjoni solenni
03 **It-3 Ħadd tar-Randan**
Għasar solenni: 16.30
10 **Ir-4 Ħadd tar-Randan**
Għasar solenni: 16.30
13 L-anniversarju tal-ħatra tal-Q.T. il-Papa Franġisku
15 *Tibda s-Settiena tad-Duluri*
17 **Il-5 Ħadd tar-Randan**
*Jum il-Papa (Ġabra tal-Obolo ta' San Pietru)*
Għasar solenni: 16.30
19 **S. Ġużepp, l-Għarus tal-Verġni Mqaddsa Marija, Patrun tal-Knisja Universali [Solennità]**
22 Il-festa devozzjonali tad-Duluri
Konċelebrazzjoni solenni fi Pjazza Indipendenza: 18.30
Pellegrinaġġ penitenzjali tad-Duluri: 19.30
24 **Ħadd il-Palm u l-Passjoni tal-Mulej**
Tberik tal-Palm u Konċelebrazzjoni solenni: 10.45
Għasar solenni: 16.30
25 **It-Tħabbira tal-Mulej (Il-Lunzjata) [Solennità]**
Il-festa parrokkjali ta' Ġesù Redentur
Konċelebrazzjoni solenni fil-Knisja ta' San Franġisk: 18.00
Pellegrinaġġ penitenzjali tar-Redentur: 19.00
27 L-Erbgħa tal-Ġimgħa Mqaddsa (L-Erbgħa tat-Tniebri)
Via Crucis: 19.00
28 **L-Ikla tal-Mulej (Ħamis ix-Xirka)**
*(Ġabra għas-Saċerdoti)*
Konċelebrazzjoni solenni: 18.30
Żjajjar tas-seba' knejjes: 20.30
29 **Il-Passjoni tal-Mulej (Il-Ġimgħa l-Kbira)**
*Btala pubblika*
*Obbligu ta' sawm u astinenza*
Liturġija solenni: 15.00
Purċissjoni devota u penitenzjali tal-Ġimgħa l-Kbira: 17.30
30 **Il-Vġili Qaddisa tal-Għid (Sibt il-Għid)**
Liturġija solenni: 20.30
31 **L-Għid il-Kbir tal-Qawmien tal-Mulej mill-Imwiet [Solennità]**
Purċissjoni ta' Kristu Rxoxt: 08.45
Konċelebrazzjoni pontifikali: 11.00
*Jibda l-ħin tas-Sajf (l-arloġġ jitmexxa siegħa 'l quddiem)*



**Alfred Camilleri Cauchi,**
***L-Irxoxt*****,**
**injam, 1997**

Id-devozzjoni lejn il-misteru tal-Passjoni, il-Mewt u l-Qawmien ta' Kristu għandha għeruq fondi ħafna fil-Parroċċa ta' San Ġorġ. Barra li lejn tmiem is-seklu 18 bdiet toħroġ il-Purċissjoni Penitenzjali tal-Ġimgħa l-Kbira, fl-istess żmien xi tip ta' manifestazzjoni pubblika bl-Irxoxt kienet diġà ssir ukoll, tant li għadha teżisti l-istatwa qadima ta' Kristu Rxoxt li llum tinsab esposta fil-Mużew Il-Ħaġar. Kien imbagħad fl-1997 li l-artist Alfred Camilleri Cauchi naqqax l-ewwel statwa tiegħu fl-injam biex tkun l-Irxoxt il-ġdid ta' San Ġorġ, liema xbieha tħallset mill-benefatturi Ġorġjani Anton u Francesca Attard.

# APRIL 2024

| IL-ĦADD | IT-TNEJN | IT-TLIETA | L-ERBGĦA | IL-ĦAMIS | IL-ĠIMGĦA | IS-SIBT |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | **1** It-Tnejn tal-Ottava tal-Għid | **2** It-Tlieta tal-Ottava tal-Għid | **3** L-Erbgħa tal-Ottava tal-Għid | **4** Il-Ħamis tal-Ottava tal-Għid | **5** Il-Ġimgħa tal-Ottava tal-Għid | **6** Is-Sibt tal-Ottava tal-Għid |
| **7** IT-2 ĦADD TAL-GĦID | **8** S. Ġulja Billiart, verġni u reliġjuża | **9** S. Marija ta' Kleofa, dixxiplu tal-Mulej | **10** S. Maddalena ta' Canossa, fundatriċi | **11** S. Stanislaw ta' Krakow, isqof u martri | **12** S. Ġulju I, papa | **13** S. Martin I, papa u martri |
| **14** IT-3 ĦADD TAL-GĦID | **15** S. Bażilissa u S. Anastasju | **16** S. Ġużeppi Benedittu Labrè, pellegrin f'Għawdex | **17** S. Aniċetu, papa u martri | **18** S. Kaloġeru, martri | **19** S. Ljun IX, papa | **20** S. Anjeże ta' Montepulciano, verġni u reliġjuża |
| **21** IR-4 ĦADD TAL-GĦID | **22** S. Agapitu I, papa | **23** S. ĠORĠ, MARTRI, PATRUN TAL-BELT VICTORIA U PROTETTUR TAL-GĦAWDXIN | **24** S. Fidiel ta' Sigmaringen, reliġjuż u martri | **25** S. Mark, evanġelista | **26** Il-Verġni Mqaddsa Marija tal-Parir it-Tajjeb | **27** S. Żita ta' Lucca, verġni |
| **28** IL-5 ĦADD TAL-GĦID | **29** S. Katarina ta' Siena, verġni u duttur, Patruna tal-Ewropa | **30** S. Piju V, papa | | | | |

## Mid-Djarju Parrokkjali

05 L-ewwel Ġimgħa tax-xahar | Jum ta' adorazzjoni solenni
06 L-ewwel Sibt tax-xahar | Jum ta' adorazzjoni solenni
07 **It-2 Ħadd tal-Għid**
Il-festa tal-Ħniena Divina *(Ġabra b'risq Dar Arka)*
14 **It-3 Ħadd tal-Għid**
21 **Ir-4 Ħadd tal-Għid**
*Jum il-Vokazzjonijiet*
22 Il-Vġili tas-Solennità ta' S. Ġorġ
L-ewwel Għasar solenni: 18.30
Velja solenni fi Pjazza S. Ġorġ: 20.00
23 **S. Ġorġ, Megalomartri, il-Patrun tal-Belt Victoria u tad-Djoċesi ta' Għawdex, u l-Protettur tal-Għawdxin [Solennità]**
It-tieni Għasar solenni: 18.30
Konċelebrazzjoni pontifikali: 19.00
28 **Il-5 Ħadd tal-Għid**

**Wistin Camilleri,**
***San Ġużepp*,**
**kartapesta, 1924**

L-għożża lejn San Ġużepp fil-Parroċċa ta' San Ġorġ bdiet tieħu xejra ġdida meta fl-1899 tpitter il-kwadru sabiħ tal-Familja Mqaddsa minn Giuseppe Calì; dan ħa post ieħor maħdum minn Enrico Regnaud fl-1739 u magħruf l-iktar bħala ta' San Omobonu. Xi żmien wara, malli ħa r-riedni tal-Parroċċa, l-Arċipriet Mons. Alfons Maria Hili ra kif għamel biex jissollennizza bl-aħjar mod il-Festa ta' San Ġużepp. Għal dan il-għan huwa ordna l-istatwa li tirrappreżenta l-Patroċinju ta' San Ġużepp u li llum titqies bħala waħda mill-istatwi monumentali ta' Wistin Camilleri, kemm fil-kobor u kemm fit-tematika, u daħħal id-devozzjoni tal-Erbgħat ta' San Ġużepp.



# MEJJU 2024

| IL-ĦADD | IT-TNEJN | IT-TLIETA | L-ERBGĦA | IL-ĦAMIS | IL-ĠIMGĦA | IS-SIBT |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | 1 S. Ġużepp Ħaddiem (Jum il-Ħaddiem) | 2 S. Atanasju ta' Lixandra, isqof u duttur | 3 S. Filippu u S. Ġakbu, appostli | 4 S. Ġwann Houghton u sħabu tal-Ingilterra, martri |
| 5 IT-TIELET JUM TAL-KWARANTURI MQADDSA | 6 Id-Dedikazzjoni tal-Knisja ta' S. Ġwann *ante portam latinam* f'Ruma | 7 S. Ġwann ta' Beverley, isqof | 8 Il-Verġni Mqaddsa Marija ta' Pompej | 9 S. Ġorġ Preca, presbiteru u fundatur | 10 S. Ġwann ta' Avila, presbiteru u duttur | 11 S. Injazju ta' Làconi, reliġjuż |
| 12 TLUGĦ IL-MULEJ FIS-SEMA | 13 Il-Verġni Mqaddsa Marija ta' Fatima | 14 S. Mattija, appostlu | 15 S. Rupertu ta' Bingen, eremita | 16 S. Ubaldo ta' Gubbio, isqof | 17 S. Baskal Baylon, reliġjuż | 18 S. Ġwann I, papa u martri |
| 19 GĦID IL-ĦAMSIN | 20 Il-Verġni Mqaddsa Marija, Omm il-Knisja | 21 S. Karlu Ġużeppi Ewġenju de Mazenod, isqof u fundatur | 22 S. Rita ta' Cascia, armla u reliġjuża | 23 S. Desiderju ta' Langres, isqof | 24 Il-Verġni Mqaddsa Marija, Għajnuna tal-Insara | 25 S. Beda l-Venerabbli, presbiteru u duttur |
| 26 IT-TRINITÀ QADDISA | 27 S. Wistin ta' Canterbury, isqof | 28 S. Ġermanu ta' Pariġi, isqof | 29 San Pawlu VI, papa | 30 S. Giovanna ta' Arc, verġni u martri | 31 Iż-Żjara tal-Verġni Mqaddsa Marija lil S. Eliżabetta | |

## Mid-Djarju Parrokkjali

01 Il-festa parrokkjali tal-Patroċinju ta' S. Ġużepp
Konċelebrazzjoni solenni: 17.30
03 **L-ewwel jum tal-Kwaranturi [Solennità]**
L-ewwel Ġimgħa tax-xahar | Jum ta' adorazzjoni solenni
Għasar solenni: 18.30
Konċelebrazzjoni solenni: 19.00
04 **It-tieni jum tal-Kwaranturi [Solennità]**
L-ewwel Sibt tax-xahar | Jum ta' adorazzjoni solenni
Għasar solenni: 18.30
Konċelebrazzjoni solenni: 19.00
05 **It-tielet jum tal-Kwaranturi [Solennità]**
Konċelebrazzjoni pontifikali: 17.00
Purċissjoni pontifikali bis-Santissmu Sagrament: 18.00
06 Id-Dedikazzjoni tal-Knisja ta' S. Ġwann *ante portam latinam* f'Ruma [Festa Lateranensi]
08 *Jibdew l-Erbgħat tal-Assunta*
12 **Tlugħ il-Mulej fis-Sema (Lapsi) [Solennità]**
*Jum il-Mezzi tal-Komunikazzjoni Soċjali*
*Jum l-Omm*
16 L-ewwel Ħamis ta' S. Ġorġ
Quddiesa solenni: 19.00
19 **Għid il-Ħamsin (Il-Pentekoste) [Solennità]**
*Jum l-Appostolat tal-Lajċi*
Ċelebrazzjoni tal-Konfirmazzjoni: 11.00
20 *Jissokta ż-żmien liturġiku ta' Matul is-Sena*
23 It-tieni Ħamis ta' S. Ġorġ
Quddiesa solenni: 19.00
26 **It-Trinità Qaddisa [Solennità]**
30 It-tielet Ħamis ta' S. Ġorġ
Quddiesa solenni: 19.00

**Carlo Pisi,**
***Sant'Antnin ta' Padova,***
**kompożizzjoni, 1965**

Ħafna minn dawk li jiffrekwentaw il-Bażilika ta' San Ġorġ dejjem ifittxu l-wens tal-interċessjoni qawwija ta' Sant'Antnin, speċjalment għal oġġetti u kawżi mitlufa. Ix-xbieha tiegħu qatt ma tkun nieqsa mix-xemgħat votivi, partikularment nhar ta' Tlieta, il-jum marbut miegħu. Din l-istatwa kienet ġiet ikkummissjonata u mħallsa minn Mons. Anton Grech Vella, li għal snin twal serva bħala Prokuratur tal-Bażilika u li kien ukoll benefattur illustri ta' San Ġorġ.



# ĠUNJU 2024

| IL-ĦADD | IT-TNEJN | IT-TLIETA | L-ERBGĦA | IL-ĦAMIS | IL-ĠIMGĦA | IS-SIBT |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 30 IT-13-IL ĦADD TA' MATUL IS-SENA | | | | | | 1 S. Ġustinu ta' Ruma, martri |
| 2 IL-ĠISEM U D-DEMM IMQADDSA TAL-MULEJ | 3 S. Karlu Lwanga u shabu tal-Uganda, martri | 4 S. Franġisk Caracciolo, presbiteru u fundatur | 5 S. Bonifaċju ta' Mainz, isqof u martri | 6 S. Norbertu ta' Magdeburg, isqof | 7 IL-QALB QADDISA TA' ĠESÙ (Is-Sette Giugno) | 8 Il-Qalb bla Tebgħa tal-Verġni Mqaddsa Marija |
| 9 L-10 ĦADD TA' MATUL IS-SENA | 10 S. Landeriku ta' Pariġi, isqof, u S. Landeriku ta' Novalese, reliġjuż u martri | 11 S. Barnaba, appostlu | 12 S. Gaspare Bertoni, presbiteru u fundatur | 13 S. Antnin ta' Padova, reliġjuż u duttur | 14 S. Metodju ta' Kostantinopli, patrijarka | 15 S. Ġermana Cousin, verġni |
| 16 IL-11-IL ĦADD TA' MATUL IS-SENA | 17 S. Girgor Barbarigo, isqof | 18 S. Kaloġeru, eremita | 19 S. Romwaldu, abbati | 20 S. Silverju, papa u martri | 21 S. Lwiġi Gonzaga, reliġjuż | 22 Is-Sejħa tal-Verġni Mqaddsa Marija Ta' Pinu |
| 23 IT-12-IL ĦADD TA' MATUL IS-SENA | 24 IT-TWELID TA' S. ĠWANN L-GĦAMMIEDI | 25 S. Guliermu ta' Vercelli, eremita | 26 S. José M. Escrivà, presbiteru u fundatur | 27 S. Ċirillu ta' Lixandra, isqof u duttur | 28 S. Irinew ta' Lyons, isqof, martri u duttur | 29 S. PIETRU U S. PAWL, APPOSTLI |

## Mid-Djarju Parrokkjali

01 L-ewwel Sibt tax-xahar | Jum ta' adorazzjoni solenni
02 **Il-Ġisem u d-Demm Imqaddsa tal-Mulej (Il-Korpus) [Solennità]**
Ċelebrazzjoni tal-Ewwel Tqarbina: 11.00
06 Ir-raba' Ħamis ta' S. Ġorġ
Quddiesa solenni: 19.00
07 **Il-Qalb Qaddisa ta' Ġesù [Solennità]**
L-ewwel Sibt tax-xahar | Jum ta' adorazzjoni solenni
*Jum il-Qdusija tal-Kleru*
*Btala pubblika*
09 **L-10 Ħadd ta' Matul is-Sena**
13 Il-ħames Ħamis ta' S. Ġorġ
Quddiesa solenni: 19.00
14 *Jum id-Donaturi tad-Demm*
16 **Il-11-il Ħadd ta' Matul is-Sena**
*Jum il-Missier*
20 Is-sitt Ħamis ta' S. Ġorġ
Quddiesa solenni: 19.00
23 **It-12-il Ħadd ta' Matul is-Sena**
24 **It-Twelid ta' S. Ġwann l-Għammiedi [Solennità]**
27 Is-seba' Ħamis ta' S. Ġorġ
Quddiesa solenni: 19.00
29 **S. Pietru u S. Pawl, Appostli (L-Imnarja) [Solennità]**
*Btala pubblika*
30 **It-13-il Ħadd ta' Matul is-Sena**

**Pietru Pawl Azzopardi,**
***San Ġorġ Martri*,**
**injam, 1839**

F'April 1838 l-Arċipriet il-Kan. Fortunato Cutajar daħal fi ftehim mal-iskultur Belti Pietru Pawl Azzopardi biex fi żmien sena jaħdem fl-injam statwa ta' San Ġorġ Martri biex tkun tista' tinġarr b'mod solenni madwar it-toroq tar-Rabat fil-Purċissjoni ta' nhar il-Festa. Jidher ukoll li l-ispejjeż – jekk mhux kollha, il-biċċa l-kbira – kienu tħallsu minn familja partikolari bħala wegħda, tant li l-abbozz għadu jinżamm b'għożża liema bħalha għand żewġ familji dixxendenti tagħha. Tant qanqlet ammirazzjoni din l-ewwel statwa titulari ta' Għawdex li l-parroċċi l-oħra tal-gżira bdew jitħajru huma wkoll biex jagħmlu xbieha statwarja tat-titular rispettiv tagħhom. Barra minn hekk, din l-istatwa ġibdet lejha devozzjoni straordinarja tant li f'okkażjonijiet speċjali spiċċat tinħareġ ukoll f'pellegrinaġġi votivi, speċjalment f'każijiet ta' ħtieġa kbira ta' xita, biża' ta' terremoti, u theddid ta' gwerer jew kunflitti oħra. F'kelma oħra, "San Ġorġ" kiteb tabilħaqq l-istorja ta' Għawdex!



# LULJU 2024

| IL-ĦADD | IT-TNEJN | IT-TLIETA | L-ERBGĦA | IL-ĦAMIS | IL-ĠIMGĦA | IS-SIBT |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | **1** B. Nazju Falzon, kjeriku sekulari | **2** S. Bernardinu Realino, reliġjuż | **3** S. Tumas, appostlu | **4** S. Elizabetta tal-Portugall, reġina | **5** S. Anton Marija Zaccaria, presbiteru u fundatur | ● **6** S. Marija Goretti, verġni u martri |
| **7** L-14-IL ĦADD TA' MATUL IS-SENA | **8** S. Akwila u S. Prixilla, dixxipli ta' S. Pawl | **9** S. Veronika Giuliani, verġni u reliġjuża | **10** S. Fortunatu | **11** S. Benedittu ta' Norcia, abbati, fundatur u duttur, Patrun tal-Ewropa | **12** S. Ġwann Gualberto, abbati u fundatur | **13** S. Neriku, imperatur |
| ◗ **14** IL-15-IL ĦADD TA' MATUL IS-SENA | **15** S. Bonaventura ta' Bagnoregio, isqof u duttur | **16** Il-Verġni Mqaddsa Marija tal-Karmelu | **17** S. Ljun IV, papa | **18** S. Federiku | **19** S. Makrina taċ-Ċesarija tal-Kappadoċja, verġni u reliġjuża | **20** S. Margerita ta' Antjokja, verġni u martri |
| ○ **21** SAN ĠORĠ, MARTRI, PATRUN TA' GĦAWDEX | **22** S. Marija Maddalena, dixxiplu tal-Mulej | **23** S. Briġida tal-Iżvezja, armla, fundatriċi u duttur, Patruna tal-Ewropa | **24** S. Sarbelju Makhluf, presbiteru | **25** S. Ġakbu l-Kbir, appostlu | **26** S. Ġwakkin u S. Anna, ġenituri tal-Verġni Mqaddsa Marija | **27** S. Venera ta' Acireale, verġni u martri |
| ◖ **28** IS-17-IL ĦADD TA' MATUL IS-SENA | **29** S. Marta, S. Marija, u S. Lazzru ta' Betanja, dixxipli tal-Mulej | **30** S. Pietru Krisologu, isqof u duttur | **31** S. Injazju ta' Loyola, fundatur | | | |

## Mid-Djarju Parrokkjali

04 It-tmien Ħamis ta' S. Ġorġ
05 L-ewwel Ġimgħa tax-xahar | Jum ta' adorazzjoni solenni
06 L-ewwel Sibt tax-xahar | Jum ta' adorazzjoni solenni
*Tibda n-Novena ta' S. Ġorġ*
Quddiesa tan-Novena: 19.00
07 **L-14-il Ħadd ta' Matul is-Sena**
11 Id-disa' u l-aħħar Ħamis ta' S. Ġorġ
14 **Il-15-il Ħadd ta' Matul is-Sena**
16 Jum il-Ħruġ min-Niċċa
Ħruġ tal-istatwa titulari ta' S. Ġorġ min-niċċa: 20.00
Ċelebrazzjoni ta' Xhieda Kristjana: 21.00
17 L-ewwel jum tat-Tridu ta' S. Ġorġ
Għasar, Prietka, Innu, Antifona u Barka: 18.30
18 It-tieni jum tat-Tridu ta' S. Ġorġ
Konċelebrazzjoni solenni: 09.00
Għasar, Prietka, Innu, Antifona u Barka: 18.30
19 It-tielet jum tat-Tridu ta' S. Ġorġ
Konċelebrazzjoni solenni: 09.00
Għasar, Prietka, Innu, Antifona u Barka: 18.30
20 Il-Vġili solenni ta' S. Ġorġ
Konċelebrazzjoni solenni u kant tat-Te Deum: 09.00
Translazzjoni solenni u l-ewwel Għasar pontifikali: 18.00
21 **S. Ġorġ, Megalomartri, il-Patrun ta' Għawdex [Solennità]**
Konċelebrazzjoni pontifikali: 08.30
It-tieni Għasar solenni: 18.00
Purċissjoni solenni: 19.00
28 **Is-17-il Ħadd ta' Matul is-Sena**

**Giuseppe Galea,**
***Santa Marija*,**
**fidda, 1962**

Fil-15 ta' Lulju 1962 ġie mżanżan is-sett tal-gandlieri tal-fidda fuq l-Altar Bażilikali li kien għadu kemm sar sentejn qabel. Fuq in-naħa ta' wara tas-salib jinsab altoriliev sabiħ ferm tal-Verġni Mqaddsa Marija mtellgħa s-Sema bir-ruħ u l-ġisem li fi żmien il-Festa titulari tkun tiddomina l-Altar Bażilikali, billi l-Kurċifiss ikun qed iħares 'il ġewwa lejn iċ-ċelebrant. Għalkemm ċkejkna fid-daqs, din ir-rappreżentazzjoni figurattiva tal-Assunta hija fost l-isbaħ espressjonijiet skultorji tal-Verġni Mbierka fl-arti sagra f'Għawdex, li tixhed ukoll ħila kbira fl-arti espressiva kif ukoll fit-teknika tal-fonderija u ċ-ċisellar fil-fidda.



# AWWISSU 2024

| IL-ĦADD | IT-TNEJN | IT-TLIETA | L-ERBGĦA | IL-ĦAMIS | IL-ĠIMGĦA | IS-SIBT |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | 1 S. Alfons Marija de Liguori, isqof u duttur | 2 S. Ewsebju ta' Vercelli, isqof | 3 S. Waltheof ta' Melrose, abbati |
| 4 IT-18-IL ĦADD TA' MATUL IS-SENA | 5 Id-Dedikazzjoni tal-Bażilika ta' S. Maria Maggiore f'Ruma | 6 IT-TRASFIGURAZZJONI TAL-MULEJ | 7 S. Gejtanu ta' Thiene, presbiteru | 8 S. Duminku ta' Guzman, fundatur | 9 S. Tereża Benedetta tas-Salib (Edith Stein), verġni, reliġjuża u martri, Patruna tal-Ewropa | 10 S. Lawrenz ta' Ruma, djaknu u martri |
| 11 ID-19-IL ĦADD TA' MATUL IS-SENA | 12 S. Giovanna Franġiska de Chantal, reliġjuża | 13 S. Ponzjanu, papa, u S. Ippolitu, presbiteru, martri | 14 S. Massimiljanu Marija Kolbe, reliġjuż u martri | 15 IL-VERĠNI MQADDSA MARIJA MTELLGĦA S-SEMA, PATRUNA SPEĊJALI TAL-GŻEJJER MALTIN | 16 S. Stiefnu tal-Ungerija, sultan | 17 S. Klara ta' Montefalco, reliġjuża |
| 18 L-20 ĦADD TA' MATUL IS-SENA | 19 S. Ġwann Eudes, presbiteru | 20 S. Bernard ta' Clairvaux, abbati u duttur | 21 S. Piju X, papa | 22 Il-Verġni Mqaddsa Marija Sultana | 23 S. Roża ta' Lima, verġni | 24 S. Bartilmew, appostlu |
| 25 IL-21 ĦADD TA' MATUL IS-SENA | 26 S. Giovanna Eliżabetta Bichier des Ages, fundatriċi | 27 S. Monika ta' Ippona, armla | 28 S. Wistin ta' Ippona, isqof, fundatur u duttur | 29 Il-Martirju ta' S. Ġwann l-Għammiedi, il-Prekursur tal-Mulej | 30 S. Feliċ ta' Ruma, isqof u martri | 31 S. Rajmondu Nonnato, reliġjuż |

## Mid-Djarju Parrokkjali

02 L-ewwel Ġimgħa tax-xahar | Jum ta' adorazzjoni solenni
03 L-ewwel Sibt tax-xahar | Jum ta' adorazzjoni solenni
04 **It-18-il Ħadd ta' Matul is-Sena**
06 **It-Trasfigurazzjoni tal-Mulej [Solennità Lateranensi]**
Konċelebrazzjoni pontifikali: 09.00
11 **Id-19-il Ħadd ta' Matul is-Sena**
15 **Il-Verġni Mqaddsa Marija Mtellgħa s-Sema, Patruna speċjali tal-gżejjer Maltin (L-Assunta) [Solennità] [Festa kmandata]**
18 **L-20 Ħadd ta' Matul is-Sena**
21 It-3 anniversarju episkopali tal-E.T. Mons. Isqof Anton Teuma
25 **Il-21 Ħadd ta' Matul is-Sena**

**Xandru Farrugia,**
***San Mikiel Arkanġlu,***
**injam, 1838**

San Mikiel ilu fil-qalb tal-Ġorġjani Għawdxin tal-inqas sa mill-1686 meta tpitter il-kwadru l-antik ta' Carlo Lamagna fuq kummissjoni personali ta' zijuh Dun Pawl Lamagna li dak iż-żmien kien il-Kappillan ta' San Ġorġ. Biss, il-kult lejh ingħata spinta kbira 'l fuq meta waslet l-istatwa artistika ta' Xandru Farrugia, li skont ma hu magħruf ġiet mixtrija mingħand il-Parroċċa Ġorġjana ta' Ħal Qormi bit-tħabrik ta' Djonisju Tabone u Saver Muscat fl-1866, jiġifieri 28 sena wara li kienet saret.



# SETTEMBRU 2024

| IL-ĦADD | IT-TNEJN | IT-TLIETA | L-ERBGĦA | IL-ĦAMIS | IL-ĠIMGĦA | IS-SIBT |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **1** IT-22 ĦADD TA' MATUL IS-SENA | **2** S. Eġidju ta' Saint Gilles, eremita u abbati | **3** S. Brokardu ta' Monti Karmeli, eremita | **4** Il-Verġni Mqaddsa Marija taċ-Ċintura | **5** S. Lawrenz Giustiniani, isqof, panigerista fuq S. Ġorġ | **6** Is-66 Anniversarju tal-Bażilika ta' S. Ġorġ (1958) | **7** S. Mark Korosi, S. Stiefnu Pongracz, u S. Melkjorr Grodecz, reliġjużi u martri |
| **8** IT-TWELID TAL-VERĠNI MQADDSA MARIJA (Jum il-Vittorji) | **9** S. Pietru Claver, reliġjuż u missjunarju | **10** S. Nikola ta' Tolentino, reliġjuż | **11** S. Protu u S. Ġjaċintu tal-Eġittu, martri | **12** L-Isem tal-Verġni Mqaddsa Marija | **13** S. Ġwann Kriżostmu, isqof u duttur, kittieb fuq S. Ġorġ | **14** L-EŻALTAZZJONI TAS-SALIB IMQADDES |
| **15** L-24 ĦADD TA' MATUL IS-SENA | **16** Il-160 Anniversarju mit-Twaqqif tad-Djoċesi ta' Għawdex (1864) | **17** S. Roberto Bellarmino, isqof u duttur | **18** S. Ġużepp ta' Copertino, reliġjuż | **19** S. Ġennaru ta' Napli, isqof u martri | **20** S. Andrija Kim Taegon, presbiteru, S. Pawl Chong Hasang, u sħabhom tal-Korea, martri | **21** ID-DEDIKAZZJONI TAL-BAŻILIKA TA' S. ĠORĠ (Jum l-Indipendenza) |
| **22** IL-25 ĦADD TA' MATUL IS-SENA | **23** S. Piju ta' Pietrelcina, reliġjuż | **24** S. Paċifku ta' San Saverino, reliġjuż | **25** S. Kleofa, dixxiplu tal-Mulej | **26** S. Kosma u S. Damjan, martri | **27** S. Vinċenz de Paul, presbiteru u fundatur | **28** S. Lawrenz Ruiz u sħabu tal-Ġappun, martri |
| **29** IS-26 ĦADD TA' MATUL IS-SENA | **30** S. Ġlormu tad-Dalmazja, presbiteru u duttur | | | | | |

## Mid-Djarju Parrokkjali

01 **It-22 Ħadd ta' Matul is-Sena**
*Jum ta' Talb għall-Ħarsien tal-Ħolqien*
06 L-ewwel Ġimgħa tax-xahar | Jum ta' adorazzjoni solenni
Is-66 Anniversarju tal-Bażilika ta' S. Ġorġ (1958)
Quddiesa solenni bil-kant tat-Te Deum: 17.30
07 L-ewwel Sibt tax-xahar | Jum ta' adorazzjoni solenni
08 **It-Twelid tal-Verġni Mqaddsa Marija (Il-Bambina) [Solennità]**
15 **L-24 Ħadd ta' Matul is-Sena**
20 Il-Vġili tas-Solennità tad-Dedikazzjoni
L-ewwel Għasar solenni: 18.30
21 **Il-269 Anniversarju tad-Dedikazzjoni tal-Bażilika ta' S. Ġorġ (1755) [Solennità]**
*Btala pubblika*
It-tieni Għasar solenni: 17.00
Konċelebrazzjoni pontifikali: 17.30
22 **Il-25 Ħadd ta' Matul is-Sena**
29 **Is-26 Ħadd ta' Matul is-Sena**
Il-festa parrokkjali ta' S. Mikiel
*Jum il-Migranti u r-Rifuġjati*
Konċelebrazzjoni solenni: 11.30

**Ditta Portugiża,**
***Il-Madonna ta' Fatima*,**
**injam, 1950**

Huwa fatt magħruf li l-Arċipriet Mons. Mikiel Cefai kien devot kbir tal-Madonna ta' Fatima tant li ma kienx jitlef okkażjoni biex imur pellegrinaġġ lejn dan il-post għażiż. Sakemm serva bħala Arċipriet tar-Rabat, kien għamel kull mezz biex ikattar din id-devozzjoni Marjana fost il-poplu tal-Belt Victoria, tant li kien waqqaf ix-Xirka ta' Fatima. Kien hu wkoll li kkummissjona u ħallas minn butu x-xbieha ħelwa u artistika tal-Madonna ta' Fatima li llum tinsab meqjuma fil-Bażilika u li toħroġ purċissjoni kull tieni Sibt tax-xahar ta' Ottubru.



# OTTUBRU 2024

| IL-ĦADD | IT-TNEJN | IT-TLIETA | L-ERBGĦA | IL-ĦAMIS | IL-ĠIMGĦA | IS-SIBT |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | **1** S. Tereża ta' Lisieux (tal-Bambin Ġesù), verġni, reliġjuża u duttur | ● **2** L-Anġli Kustodji Mqaddsa | **3** S. Franġisk Borgia, reliġjuż | **4** S. Franġisk ta' Assisi, djaknu u fundatur | **5** S. Fawstina Kowalska, reliġjuża |
| **6** IS-27 ĦADD TA' MATUL IS-SENA | **7** Il-Verġni Mqaddsa Marija tar-Rużarju | **8** S. Ugo, konfessur | **9** S. John Henry Newman, konfessur | ◗ **10** S. Tumas ta' Villanova, isqof | **11** L-Anniversarju tad-Dedikazzjoni tal-Katidral ta' Għawdex | **12** S. Serafin ta' Montegranaro, reliġjuż |
| **13** IT-28 ĦADD TA' MATUL IS-SENA | **14** S. Kallistu I, papa u martri | **15** S. Tereża ta' Avila (ta' Ġesù), verġni, reliġjuża u duttur | **16** S. Margerita Marija Alacoque, verġni | ○ **17** S. Injazju ta' Antjokja, isqof u martri | **18** S. Luqa, evanġelista | **19** S. Pawl tas-Salib, presbiteru |
| **20** ID-29 ĦADD TA' MATUL IS-SENA | **21** S. Ursla ta' Köln, verġni u martri, Patruna ta' Għawdex | **22** S. Ġwanni Pawlu II, papa | **23** S. Ġwann ta' Capestrano, presbiteru | ◖ **24** S. Anton Marija Claret, isqof | **25** L-Erbgħin Qaddis Martri tal-Ingilterra u Wales | **26** S. Evaristu, papa u martri |
| **27** IT-30 ĦADD TA' MATUL IS-SENA | **28** S. Xmun u S. Ġuda, appostli | **29** S. Narċissu ta' Ġerusalemm, isqof | **30** S. Alfons Rodriguez, reliġjuż | **31** S. Kwintinu ta' Ruma, martri | | |

## Mid-Djarju Parrokkjali

04 L-ewwel Ġimgħa tax-xahar | Jum ta' adorazzjoni solenni
05 L-ewwel Sibt tax-xahar | Jum ta' adorazzjoni solenni
06 **Is-27 Ħadd ta' Matul is-Sena**
12 Il-festa parrokkjali tal-Verġni Mqaddsa Marija ta' Fatima
Konċelebrazzjoni solenni: 17.30
Purċissjoni Marjana *aux flambeaux*: 18.15
13 **It-28 Ħadd ta' Matul is-Sena**
20 **Id-29 Ħadd ta' Matul is-Sena**
*Jum il-Missjoni (Ġabra b'risq il-Missjonijiet)*
27 **It-30 Ħadd ta' Matul is-Sena**
*Jintemm il-ħin tas-Sajf (l-arloġġ jitmexxa siegħa lura)*

**Wistin Camilleri,**
***San Klement Martri*,**
**kartapesta, bidu tas-seklu 20**

Fil-21 ta' Novembru 1786, il-Kan. Feliċ Mizzi, iktar tard Arċipriet, għadda lill-Parroċċa ta' San Ġorġ il-fdalijiet imqaddsa ta' martri tal-ewwel żminijiet tal-Knisja li kienu nġabu minn Ruma, liema martri eventwalment ingħatalu l-isem ta' Klement. F'xi żmien fl-ewwel kwart tas-seklu 20, Wistin Camilleri ġie mqabbad biex iħejji korp tal-kartapesta sabiex fih jiġu kkonservati dawn ir-relikwi mqaddsa. Għal xi snin dan il-korp sant kien jinżamm f'niċċa apposta fejn illum hemm l-Irxoxt, faċċata tal-istatwa titulari ta' San Ġorġ. Illum il-ġurnata jinsab meqjum taħt il-mensla tal-Altar ta' San Lazzru.




# NOVEMBRU 2024

| IL-ĦADD | IT-TNEJN | IT-TLIETA | L-ERBGĦA | IL-ĦAMIS | IL-ĠIMGĦA | IS-SIBT |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | 1<br>IL-QADDISIN KOLLHA | 2<br>L-ERWIEĦ MEJTIN KOLLHA |
| 3<br>IL-31 ĦADD TA' MATUL IS-SENA | 4<br>S. Karlu Borromeo, isqof | 5<br>S. Eliżabetta u S. Żakkarija, ġenituri ta' S. Ġwann l-Għammiedi | 6<br>S. Leonardu ta' Noblac, abbati | 7<br>S. Ernest ta' Zwiefalten, abbati u martri | 8<br>S. Goffredu ta' Amiens, isqof | 9<br>ID-DEDIKAZZJONI TAL-ARĊIBAŻILIKA TA' S. ĠWANN LATERAN F'RUMA |
| 11<br>IT-32 ĦADD TA' MATUL IS-SENA | 11<br>S. Martin ta' Tours, isqof | 12<br>S. Ġosafat ta' Polotsk, isqof u martri | 13<br>S. Nikola l-Kbir, papa | 14<br>S. Ġjakondu ta' Bologna, isqof u konfessur | 15<br>S. Albertu l-Kbir, isqof u duttur | 16<br>S. Margerita tal-Iskozja, reġina |
| 17<br>IT-33 ĦADD TA' MATUL IS-SENA | 18<br>Id-Dedikazzjoni tal-Bażiliċi Maġġuri ta' S. Pietru u S. Pawl f'Ruma | 19<br>S. Anjeże ta' Assisi, verġni u reliġjuża | 20<br>S. Edmondu Rich, sultan u martri | 21<br>Il-Preżentazzjoni tal-Verġni Mqaddsa Marija | 22<br>S. Ċeċilja ta' Ruma, verġni u martri | 23<br>S. Klement I, papa u martri |
| 24<br>SIDNA ĠESÙ KRISTU, SULTAN TAL-ĦOLQIEN KOLLU | 25<br>S. Katarina ta' Lixandra, verġni u martri | 26<br>S. Leonardu ta' Porto Maurizio, reliġjuż | 27<br>S. Franġisk Anton Fasani, reliġjuż | 28<br>S. Katarina Labouré, reliġjuża | 29<br>S. Saturninu ta' Touloise, isqof u martri | 30<br>S. Andrija, appostlu |

## Mid-Djarju Parrokkjali

01 **Il-Qaddisin kollha [Solennità]**
*Jum il-Qdusija Universali*
L-ewwel Ġimgħa tax-xahar | Jum ta' adorazzjoni solenni

02 **L-Erwieħ Mejtin kollha (L-Għid tal-Imwiet) [Tifkira Solenni]**
L-ewwel Sibt tax-xahar | Jum ta' adorazzjoni solenni
Konċelebrazzjoni solenni: 17.30

03 **Il-31 Ħadd ta' Matul is-Sena**

09 **Id-Dedikazzjoni tal-Arċibażilika tal-Lateran f'Ruma [Solennità Lateranensi]**
Konċelebrazzjoni pontifikali: 17.30

11 **It-32 Ħadd ta' Matul is-Sena**

17 **It-33 Ħadd ta' Matul is-Sena**
*Jum il-Foqra u l-Karità (Ġabra b'risq il-Caritas Djoċesana)*

24 **Sidna Ġesù Kristu, Sultan tal-Ħolqien kollu (Kristu Re) [Solennità]**
*Jum iż-Żgħażagħ*
Ċelebrazzjoni djoċesana ta' Kristu Re: 16.00

**Skultur mhux magħruf,**
***Ġesù Bambin*,**
**xama', seklu 18**

Fil-ktieb tiegħu *Gozo Antico e Profano* l-Kan. Ġan Franġisk Agius De Soldanis isemmi li fuq l-Altar ta' Ġesù u Marija kien hemm meqjuma xbieha ħelwa tal-Bambin magħmula mix-xama' li kienet f'urna mnaqqxa fl-injam indurat fuq stil Barokk. Jgħid ukoll li kienet tgawdi devozzjoni kbira. Wara li l-Isqof ta' Għawdex Mons. Mikiel Gonzi sar Arċisqof ta' Malta, dan il-Bambin għamel xi snin fil-Palazz Veskovili fl-Imdina. Eventwalment, fi tmiem l-episkopat tal-Arċisqof Gonzi, din ix-xbieha u l-urna tagħha reġgħu sabu posthom fil-Bażilika Ġorġjana. Ta' kull sena fiż-żmien liturġiku tal-Milied, il-Bambin "ta' De Soldanis" jiġi espost fuq l-Altar tal-Erwieħ, filwaqt li matul is-sena jkun esibit fil-Mużew Il-Ħaġar.



# DIĊEMBRU 2024

| IL-ĦADD | IT-TNEJN | IT-TLIETA | L-ERBGĦA | IL-ĦAMIS | IL-ĠIMGĦA | IS-SIBT |
|---|---|---|---|---|---|---|
| ● 1 L-1 ĦADD TAL-AVVENT | 2 S. Bibjana ta' Ruma, verġni u martri | 3 S. Franġisk Saverju, presbiteru u missjunarju | 4 S. Ġwann Damaxxenu, presbiteru u duttur | 5 S. Saba tal-Kappadoċja, abbati | 6 S. Nikola ta' Bari, isqof | 7 S. Ambroġ ta' Milan, isqof u duttur |
| ◗ 8 IT-2 ĦADD TAL-AVVENT | 9 IT-TNISSIL BLA TEBGĦA TAL-VERĠNI MQADDSA MARIJA | 10 Il-Verġni Mqaddsa Marija ta' Loreto | 11 S. Damasu I, papa | 12 Il-Verġni Mqaddsa Marija ta' Guadalupe | 13 S. Luċija ta' Sirakuża, verġni u martri (Jum ir-Repubblika) | 14 S. Ġwann tas-Salib, reliġjuż u duttur |
| ○ 15 IT-3 ĦADD TAL-AVVENT | 16 S. Adelajde tal-Italja, imperatriċi u armla | 17 S. Ġwann ta' Matha, presbiteru u fundatur | 18 S. Grazjanu ta' Tours, isqof | 19 S. Anastasju I, papa | 20 S. Duminku ta' Silos, abbati u eremita | ◖ 21 S. Pietru Kanisju, reliġjuż u duttur |
| 22 IR-4 ĦADD TAL-AVVENT | 23 S. Ġwann ta' Kety, presbiteru | 24 S. Adelina ta' Pfalzel, armla u reliġjuża | 25 IT-TWELID TA' SIDNA ĠESÙ KRISTU | 26 S. Stiefnu ta' Ġerusalemm, l-ewwel martri | 27 S. ĠWANN, APPOSTLU U EVANĠELISTA | 28 Il-Qaddisin Innoċenti martri |
| 29 IL-FAMILJA MQADDSA TA' ĠESÙ, MARIJA U ĠUŻEPPI | ● 30 S. Egwin ta' Worcester, isqof | 31 S. Silvestru I, papa, fundatur tal-Bażilika tal-Lateran f'Ruma | | | | |

## Mid-Djarju Parrokkjali

01 **L-1 Ħadd tal-Avvent**
*Tibda s-Sena Ċ fiċ-ċiklu tal-qari tal-Quddiesa tal-Ħadd*
*Jum il-Persuni b'Diżabbiltà*
Għasar solenni: 16.30

06 L-ewwel Ġimgħa tax-xahar | Jum ta' adorazzjoni solenni

07 L-ewwel Sibt tax-xahar | Jum ta' adorazzjoni solenni

08 **It-2 Ħadd tal-Avvent**
Id-49 Anniversarju tal-Kolleġġjata Ġorġjana (1975)
Għasar solenni: 16.30

09 **It-Tnissil bla Tebgħa tal-Verġni Mqaddsa Marija (L-Immakulata Kunċizzjoni) [Solennità trasferita]**

15 **It-3 Ħadd tal-Avvent**
*Tibda n-Novena tal-Milied*
Għasar solenni: 16.30
Quddiesa tan-Novena: 18.00

22 **Ir-4 Ħadd tal-Avvent**
Għasar solenni: 16.30

24 Il-Vġili solenni tat-Twelid tal-Mulej
L-Ewwel Għasar Solenni: 16.30
Matutin u Prietka tat-Tifel: 23.30
Konċelebrazzjoni solenni: 24.00

25 **It-Twelid ta' Sidna Ġesù Kristu (Il-Milied) [Solennità] [Festa kmandata]**
Konċelebrazzjoni pontifikali: 11.00

27 **S. Ġwann, Appostlu u Evanġelista [Solennità Lateranensi]**

29 **Il-Familja Mqaddsa ta' Ġesù, Marija u Ġużeppi [Festa]**

31 **San Silvestru I, papa, fundatur tal-Arċibażilika tal-Lateran f'Ruma [Festa Lateranensi]**
Konċelebrazzjoni pontifikali u kant tat-Te Deum: 17.30

# MUMENTI REGOLARI TA' FORMAZZJONI FIL-PARROĊĊA

| | | | |
|---|---|---|---|
| Kuljum | 09.00 | **Quddiesa bl-omelija** (fuq ir-radju) | *Bażilika* |
| | 17.30 | **Quddiesa bl-omelija, Adorazzjoni u Rużarju** (fuq ir-radju u l-internet) | *Bażilika* |
| | 18.15 | **Barka Ewkaristika** | *Bażilika* |
| It-Tnejn | 19.00 | **Grupp taż-Żgħażagħ 18+** | *Dar Manwel Magri, Malta* |
| It-Tlieta | 19.15 | **Grupp Oikos** (għall-koppji taħt 15-il sena żwieġ) | *Ċentru Parrokkjali* |
| L-Erbgħa | 19.15 | **Grupp Oikos** (għall-koppji minn 20 sena żwieġ 'il fuq) | *Ċentru Parrokkjali* |
| | 19.30 | **Grupp tal-Adolexxenti tal-Form 3** | *Ċentru Parrokkjali* |
| Il-Ħamis | 17.00 | **Katekeżi għat-Tfal tal-Ewwel Tqarbina** | *Ċentru Parrokkjali* |
| | 18.00 | **Katekeżi għat-Tfal tal-Konfirmazzjoni** | *Ċentru Parrokkjali* |
| | 19.30 | **Grupp tal-Adolexxenti tal-Forms 4 u 5** | *Ċentru Parrokkjali* |
| Il-Ġimgħa | 19.00 | **Grupp tal-Abbatini** | *Ċentru Parrokkjali* |
| | 19.30 (kull ħmistax) | **Grupp Familji San Ġorġ** (għall-koppji minn 10 sa 25 sena ta' żwieġ) | *Ċentru Parrokkjali* |
| | 20.00 | **Grupp taż-Żgħażagħ 16+** | *Ċentru Parrokkjali* |
| Is-Sibt | 18.30 | **Grupp tal-Adolexxenti tal-Form 2** | *Ċentru Parrokkjali* |
| Il-Ħadd | 09.30 (kull ħmistax) | **Mixja Katekumenali tat-Tħejjija għaż-Żwieġ** | *Ċentru Parrokkjali* |
| | 10.00 | **Quddiesa għall-Familji u t-Tfal** | *Bażilika* |
| | 11.00 | **Quddiesa bis-sehem tal-Kor tal-Bażilika Laudate Pueri** | *Bażilika* |

- Fil-Ħdud taż-żminijiet liturġiċi tal-Avvent u r-Randan jitkanta l-Għasar Solenni fl-16.30.
- Fl-ewwel Ġimgħa u l-ewwel Sibt ta' kull xahar issir Adorazzjoni Solenni.
- Fid-disa' Ħamisijiet ta' tħejjija spiritwali għall-Festa Titulari ta' San Ġorġ issir Quddiesa kantata bi ħsieb fuq il-qaddis fis-19.00.
- Fil-bidu tas-Sena Pastorali, il-Parroċċa tqassam Kalendarju tal-Katekiżmu. Fiż-żminijiet tar-Randan u l-Għid u tal-Festa Titulari ta' San Ġorġ f'Lulju, toħroġ *Programm ta' Ċelebrazzjonijiet* speċjali li jitqassam mal-Bulettin Parrokkjali.

## Solennitajiet u Festi Kmandati

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1 ta' Jannar | *It-Tnejn* | Il-Verġni Mqaddsa Marija, Omm Alla | **Festa Kmandata** |
| 7 ta' Jannar | *Il-Ħadd* | L-Epifanija tal-Mulej | |
| 10 ta' Frar | *Is-Sibt* | In-Nawfraġju ta' S. Pawl, Appostlu tal-Ġnus, Patrun tal-Gżejjer Maltin | **Festa Kmandata** |
| 19 ta' Marzu | *It-Tlieta* | S. Ġużepp, l-Għarus tal-Verġni Mqaddsa Marija, Patrun tal-Knisja universali | |
| 25 ta' Marzu | *It-Tnejn* | It-Tħabbira tal-Mulej | |
| 31 ta' Marzu | *Il-Ħadd* | L-Għid il-Kbir tal-Qawmien tal-Mulej mill-imwiet | **Festa Kmandata** |
| 23 ta' April | *It-Tlieta* | S. Ġorġ ta' Lidda, Megalomartri, Patrun tal-Belt Victoria u Protettur tal-Għawdxin* | |
| 5 ta' Mejju | *Il-Ħadd* | Il-Kwaranturi Mqaddsa* | |
| 12 ta' Mejju | *Il-Ħadd* | Tlugħ il-Mulej fis-Sema | |
| 19 ta' Mejju | *Il-Ħadd* | Għid il-Ħamsin | |
| 26 ta' Mejju | *Il-Ħadd* | It-Trinità Qaddisa | |
| 2 ta' Ġunju | *Il-Ħadd* | Il-Ġisem u d-Demm Imqaddsa tal-Mulej | |
| 7 ta' Ġunju | *Il-Ġimgħa* | Il-Qalb Qaddisa ta' Ġesù | |
| 24 ta' Ġunju | *It-Tnejn* | It-Twelid ta' S. Ġwann l-Għammiedi, il-Prekursur tal-Mulej | |
| 29 ta' Ġunju | *Is-Sibt* | S. Pietru u S. Pawl, Appostli | |
| 21 ta' Lulju | *Il-Ħadd* | S. Ġorġ, Megalomartri, Patrun tal-Belt Victoria u Protettur tal-Għawdxin* | |
| 6 ta' Awwissu | *It-Tlieta* | It-Trasfigurazzjoni tal-Mulej* | |
| 15 ta' Awwissu | *Il-Ħamis* | Il-Verġni Mqaddsa Marija Mtellgħa s-Sema, Patruna speċjali tal-Gżejjer Maltin | **Festa Kmandata** |
| 8 ta' Settembru | *Il-Ħadd* | It-Twelid tal-Verġni Mqaddsa Marija | |
| 21 ta' Settembru | *Is-Sibt* | Il-269 Anniversarju tad-Dedikazzjoni tal-Bażilika ta' S. Ġorġ, fil-Belt Victoria, Għawdex* | |
| 1 ta' Novembru | *Il-Ġimgħa* | Il-Qaddisin kollha | |
| 9 ta' Novembru | *Is-Sibt* | Id-Dedikazzjoni tal-Arċibażilika tal-Lateran f'Ruma* | |
| 26 ta' Novembru | *It-Tlieta* | Sidna Ġesù Kristu, Sultan tal-ħolqien kollu | |
| 9 ta' Diċembru | *It-Tnejn* | It-Tnissil bla Tebgħa tal-Verġni Mqaddsa Marija | **Solennità trasferita** |
| 25 ta' Diċembru | *L-Erbgħa* | It-Twelid ta' Sidna Ġesù Kristu | **Festa Kmandata** |
| 27 ta' Diċembru | *Il-Ġimgħa* | S. Ġwann, Appostlu u Evanġelista* | |

* *Is-Solennitajiet immarkati b'asterisk mhumiex iċċelebrati fuq dan il-livell fil-Knisja kollha, imma biss fil-Bażilika ta' S. Ġorġ, il-Belt Victoria, Għawdex.*

- *Fil-Festi Kmandati tal-Knisja hemm l-obbligu tas-smigħ tal-Quddies.*

## Solennitajiet u Festi Lateranensi

### *ċċelebrati fil-Bażilika ta' San Ġorġ, il-Belt Victoria, Għawdex*

| | | | |
|---|---|---|---|
| 6 ta' Mejju | *It-Tnejn* | Id-Dedikazzjoni tal-Knisja ta' S. Ġwann *ante portam latinam* f'Ruma | **Festa** |
| 6 ta' Awwissu | *It-Tlieta* | It-Trasfigurazzjoni tal-Mulej | **Solennità** |
| 9 ta' Novembru | *Is-Sibt* | Id-Dedikazzjoni tal-Arċibażilika tal-Lateran f'Ruma | **Solennità** |
| 27 ta' Diċembru | *Il-Ġimgħa* | S. Ġwann, Appostlu u Evanġelista | **Solennità** |

## Ġranet oħra importanti fil-Kalendarju Liturġiku

| | | |
|---|---|---|
| 14 ta' Frar | *L-Erbgħa* | Ras ir-Randan |
| 24 ta' Marzu | *Il-Ħadd* | Ħadd il-Palm |
| 1 ta' Diċembru | *Il-Ħadd* | L-Ewwel Ħadd tal-Avvent |

## Btajjel Pubbliċi u Festi Nazzjonali

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1 ta' Jannar | *It-Tnejn* | L-Ewwel tas-Sena | |
| 10 ta' Frar | *Is-Sibt* | In-Nawfraġju ta' S. Pawl | |
| 19 ta' Marzu | *It-Tlieta* | San Ġużepp | |
| 29 ta' Marzu | *Il-Ġimgħa* | Il-Ġimgħa l-Kbira | |
| 31 ta' Marzu | *Il-Ħadd* | Jum il-Ħelsien | **Festa Nazzjonali** |
| 1 ta' Mejju | *L-Erbgħa* | Jum il-Ħaddiem | |
| 7 ta' Ġunju | *Il-Ġimgħa* | Is-Sette Giugno | **Festa Nazzjonali** |
| 29 ta' Ġunju | *Is-Sibt* | L-Imnarja | |
| 15 ta' Awwissu | *Il-Ħamis* | L-Assunta | |
| 8 ta' Settembru | *Il-Ħadd* | Jum il-Vittorji | **Festa Nazzjonali** |
| 21 ta' Settembru | *Is-Sibt* | Jum l-Indipendenza | **Festa Nazzjonali** |
| 8 ta' Diċembru | *Il-Ħadd* | L-Immakulata Kunċizzjoni | |
| 13 ta' Diċembru | *Il-Ġimgħa* | Jum ir-Repubblika | **Festa Nazzjonali** |
| 25 ta' Diċembru | *L-Erbgħa* | Il-Milied | |

